Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TMIENJA W TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 14 ta' Lulju 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 7.30pm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Prezenti** | | | |
| **Skuzat** | **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| | **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | | Sur | RALPH CASSAR |
| | **Skuzata** | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| | **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-minuti gew approvati unanimament.

**2. BARRIERA WIED INCITA**

**Ghal din il-laqgha kienu prezenti il-Perit Stephen Farrugia u sid il-Barriera ta' Wied Incita, is-Sur Mark Aquilina.**

Is-Sur Stefan Cordina qal li s-sotto-Kumitat iltaqa' mal-Perit u s-Sur Cassar ha xi punti.

Is-Sur Cassar qal li l-MEPA ssuggerit li jkun hemm medjatur bejn sid il-barriera u l-Kunsill basta jkun hemm time-frame u dak hu dak li effettivament sar fil-laqgha susegwenti. Gie suggerit li l-medjatur ikun il-Perit Stephen Farrugia u kif qal is-Sur Pace il-Kunsill illum iltaqa' sabiex jigi appuntat dan il-medjatur.

Il-Perit Stephen Farrugia li kien prezenti ta rendikont qasir ta' dak li sar s'issa. Hu qal li saru lmenti formali a bazi ta' proceduri li ga nbdew. Kien ehmm addigurazzjoni fuq ittra li harget mill-MEPA f'Novembru. Liema ittra ma kienx hemm risposta sodifacenti mis-sidien tal-barriera. Kien hemm issue fuq il-kwistjoni ta' perjodu li kien hemm bzonn li jkun relattivament qasir.

Is-Sur Cassar qal li wiehed irid jiftiehem it-termini u li hu min-naha tieghu ma jsibx oggezzjoni li jinhatar il-Perit u li jkun hemm zmien qasir fejn wiehed jasal ghal trattativi sabiex tissolva l-kwistjoni.

Is-Sur Mark Aquilina qal li hu accetta il-Perit taghna ghax bl-ebda mod ma jrid ixikkel u wisq inqas ma jrid li jbaghtu r-residenti tat-triq.

Is-Sur Marco Spiteri qal li la l-kumitat ta' r-rakkomandazzjoni hu ma jsirbx oggezzjoni u lanqas is-Sur John P. Bonnici u s-Sur Zammit ma sabu oggezzjoni.

Is-Sur Pace qal li s-Sotto-kumitat irid jiltaqa' mal-MEPA u hu ssuggerixxa li s-sidien ikunu prezenti.

Is-Sur Pace ghalhekk bi qbil ma kulhadd hatar lis-Sur Stephen Farrugia medjatur u li ha jkun medjatur a bazi volontarja.

Is-Sur Stephen Farrugia qal li jista' jkun hemm xi spejjez.  Wiehed irid ukoll jaghmel *establishment of funding*, EIP etc, jara l-ODZ (*Outside development zone*) u l-kuncett ta' *white area* u jekk hemmx *re-development issues* fuq barrieri.

Qal ukoll li l-punt krucjali hu li jkun hemm *freehand discussion* u li diga' hemm laqgha ssetjata mal-MEPA ghas-17 ta' Lulju fid-9 ta' filghodu li ghaliha ghandhom ikunu prezenti s-sidien u membri tas-sotto-kumitat.

**3. AGGORNAMENT**

Is-Sindku aggorna l-laqgħa pero' kien hemm xi nuqqas ta' qbil fuq l-aggornament minhabba li kien hemm xi kunsilliera li riedu jressqu xi punti mqajjma.  Is-Sindku qal li la fl-Agenda ma kienx hemm imnizzel Punti Mqajjma l-laqgha riedet tigi aggornata.  Ghaldaqstant il-laqgha giet mitmuma u aggornata ghat-Tlieta, 21 ta' Lulju fis-6.30pm.

________________________ Sindku

____________________ Data